**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA Tat-22 TA' GUNJU, 2001**.

Kawza numru 6.

Citazzjoni Numru 919/01

fl-ismijiet:

**C. Camilleri & Sons Limited**

**Vs.**

**Brian Ferando u Nathalie Ferando**

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi il-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta' hamest elef hames mija u ghoxrin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm5520.58) bl-interessi legali ammont dovut wara bejgh u konsenja ta' merkanzija kif jindika l-istatement anness bhala dok. A;

Illi interpellati biex ihallsu dan id-debitu anke permezz ta' zewg ittri ufficjali tas-27 ta' Gunju, l997 u tal-l4 ta' Marzu, 2001 l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x'jaghtu ghal-hlas tieghu kif jirrizulta mill-anness affidavit immarkat bhala dokument B;

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tghaddi sabiex tiddeciedi it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u dan a tenur tal-Artikolu l67 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. L2 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Previa kull dikjarazzjoni ohra li tkun necessarja tordna u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi l-ammont ta' hamest elef hames mija u ghoxrin lira maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm5520.58) bl-interessi legali mis-27 ta' Gunju, 1997.

Bl-interessi legali kif fuq inghad sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid prezentati kontestwalment kif wkoll tal-ittri ufficjali tas-27 ta'Gunju, l997 u tal-l4 ta' Marzu, 2001 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li il-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheru;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata

llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artiklu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenuti.

Imhallef

Dep. Registratur